MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-30 ta' April, 2015

Numru 25/2014

**SPETTUR**

**ELTON TALIANA**

**VS**

**SANDRO MIFSUD**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Sandro Mifsud ta’ 43 sena bin Michael u Maria nee’ Azzopardi, mwieled Pieta’ fit-13 ta’ April 1973, residnqo prezentament fil-CCF u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-numru 199673M;

Talli fit-12 ta’ Jannar 2012 ghal habta tal- 16.00hrs fi triq it-Telgha u Ommu, Naxxar;

1) B’nuqqas ta’ hsieb u bi traskuragni jew b’ nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna offizi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Kenneth Tanti;
2) Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ghamel hsara involontarja fuq xi vettura b’numru ta’ registrazzjoni FBZ 429 ghad-dannu ta’ Kenneth Tanti;
3) Illi huwa saq l-istess vettura li ghandha numru ta’ registrazzjoni HBC 838 b’manjiera traskurata, negligenti u perikoluza;
4) Saq l-istess vettura b’velocita’ aktar eccessiva;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat il-*proces verbal* mertu tal-incident in kwistjoni esebit fl-atti, flimkien mar-rapporti tal-esperti hemmhekk nominati u l-konkluzjonijiet milhuqa minnhom;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 225, 226(1) (a)(c), 218(B), 328, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kif ukoll l-Artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

U r-Regolament 127 tal-Avviz Legali 128 tal-1994 (LS65.11) tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti ssib lill-imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah erba' (4) xhur prigunerija sospizi ghal tlitt (3) snin taht supervizjoni ai terminu tal-Art 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat ghal tlitt (3) xhur.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------